MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 70/2003

Il-Pulizija
Vs

Anthony McKay

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-7 ta' Marzu, 2003 ghall-habta tal-11.00 a.m. fl-inhawi ta' Putirjal il-Furjana:
1) ezercita l-mistier ta' bejjieh fiss minghajr licenzja minn awtorita' kompetenti;
2) ingumbra t-triq jew il-bankina bi hwejjeg ta' daqs kbir;
3) fit-triq jew fuq il-bankina ghamel xi haga li biha setgha jgib xkiel, perikolu jew inkomdu ghal pubbliku;
4) ghamel attivita' kummercjali fl-inhawi ta' Putirjal il-Furjana bi ksur tal-Att Legali 102/02 (Sec 30f).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 t'April, 2003 li biha, wara li rat l-Avviz Legali 102/02 ma sabitx lill-imputat hati ta' l-ewwel imputazzjoni izda sabitu hati tal-imputazzjonijiet l-ohra u kkundannatu ghal LM10 emmenda fuq it-tieni (2) imputazzjoni w LM20 emmenda fuq ir-raba' (4) imputazzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-7 ta' Mejju, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tvarja w tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn sabitu mhux hati tal-ewwel imputazzjoni, thassarha f'dik il-parti fejn sabitu hati tat-tieni (bl-assorbiment tat-tielet) u r-raba imputazzjoni w kkundannatu ghal Lm10 emmenda w LM20 emmenda rispettivament u minflok tilliberah mill-istess.

Fliet l-atti processwali ;

Rat illi l-aggravji tal-appellant , fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :-

1. Li l-Ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni skorretta tal-ligi meta sabet htija taht id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 30 tal-Avviz Legali 102 tal-2002 u dana ghaliex dan l-Avviz Legali w r-Regolamenti bih maghmula huma nulli w nvalidi ghax dawn qatt ma setghu legalment saru w dan ghax l-Artikolu 29 tal-Att tal-2001 dwar il-Licenzji tal-Kummerc ma jati ebda setgha lil Ministru koncernat. Di fatti dan l-artikolu johloq ir-reati w pieni ghal ksur ta' xi dispozizzjoni tal-istess Att jew regolamenti maghmula tahtu.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni skorretta tal-Ligi meta sabet lil-appellant hati tar-raba imputazzjoni ghal zewg ragunijiet :- fl-ewwel lok l-imputazzjoni kif dedotta ma tikkostitwix reat skond id-dispozizzjoni tal-ligi li tahtha qed issir . Fil-fatt fl-artikolu 30(f) tal-Avviz Legali 102 tas-sena 2002, jghid li "ma tista ssir ebda attivita' kummercjali…minn bejjiegha fit-toroq fl-inhawi ta' Puturjal tal-Belt Valletta inkluz il-Pont" mentri l-imputazzjoni migjuba kontra l-appellant hija li hu ghamel "attivita' kummercjali fl-inhawi tal-Furjana" , haga li

skond l-Artikolu 30(f) m' hijiex reat . Fit-tieni lok l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha sabitu hati talli kien qed ibiegh mill-"bus Terminus" liema lok il-Qorti qisitu li jaghmel ma Puturjal. Fil-fatt pero' skond l-Att dwar il-Kunsilli Lokali jirrizulta kjarament illi l-"Bus Terminus" u Puturjal huma ghal kollox distinti minn xulxin u ghalhekk l-appellant qatt ma seta' jinstab hati galdarba ma hemm ebda regolament li jipprojbixxi l-attivita' kummercjali fl-inhawi tal-"Bus Terminus";

3. Illi l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant erronjament hati tat-tieni u t-tielet imputazzjoni (bl-assorbiment tat-tieni imputazzjoni fit-tielet) fuq il-fatti tal-kaz . Dan ghaliex l-unika oggett li l-appellant kellu fit-triq kienet proprju l-vettura li biha jezercita l-mestier tieghu w dan il-fatt wahdu zgur li ma jistax iwassal ghas-sejbien ta' htija, ghax altrimenti l-appellant ma jkun jista' jaghmel xogholu qatt galadarba l-attivita' tieghu tikkonsisti proprju fil-biegh ta' merkanzija minn fuq din il-vettura.

Fliet l-atti kollha processwali;

Rat il-verbal tas-16 t' Ottubru, 2003 li bih l-avukat tal-appellant irtira l-ewwel aggravju tieghu li hemm in calce a fol. 7 tal-process.

Semghet ix-xhieda mill-gdid;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-abbli prosekutur;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti ;

Ikkonsidrat;

Illi mix-xhieda tal-**Ispettur Ramon Mercieca** jirrizulta li fis-7 ta' Marzu, 2003, ghall-habta tal-11 a.m. hu , flimkien ma PS 57 Raymond Caruana, kienu patrol u kif taqbez ezatt il-pont ta' Bieb il-Belt , ezatt fil-limiti tieghu , fil-kantuniera, kien hemm armat l-appellant bi stall ibiegh xi affarijiet u taht dan l-istall kellu wkoll xi zewg jew tlitt kaxxi kbar . Hu

kien gibed l-attenzjoni tal-appellant li dawn kienu qed jingumbraw il-passagg ghan-nies u qallu biex inehhihom. L-appellant obda w nehhihom. Hu kien qal lill-appellant li bir-regolamenti godda ma setax ibiegh hemm hlief jekk kellu licenzja kif ghandhom biss  tal-hobs, li jarmaw ezatt kif taqbez City Gate. L-appellant kien qed ibiegh hwejjeg u xi slippers li kienu fuq it-tilari w taht il-karru wkoll. L-appellant obda ghal dak in-nhar pero' baqa' jarma hemm sakemm jigi deciz dan l-appell .

In kontro-ezami l-Ispettur xehed li l-appellant kien armat ezattament kif jispicca l-pont , fil-kantuniera fejn tikser fejn tal-imqaret , mal-lemin , fejn tigbed lejn il-Phoenicia. Kien fuq il-bankina , kif ser taqbad l-ewwel kiosk ezatt. Maz-zewg roti tat-tilar tieghu kellu zewg gebliet biex jimpedixxi it-tilar milli jiccaqlaq. Ghalhekk dak il-hin ma kienx qed jaghmilha ta' "pedlar" u ried jaghmel emfasi fuq dan. Kien qed jaghmilha ta' "fixed hawker"  ghax bl-ammont ta' tnejn jew tlitt kaxxi kbar li kellu  u b'dawk il-gebel ma kienx qed jaghmilha ta' "pedlar" .Dawn il-gebel kienu triangolari w intizi biex jidhlu taht ir-roti w pressapoco kienu twal xi pied jew ghaxar pulzieri.

**P.S. 57 Raymond Caruana** ikkorrobora lill-Ispettur u qal li huma kienu sabu lill-appellant ibiegh il-hwejjeg bil-karettun . Meta kellmuh qalilhom li kellu permess li joqghod hemm ghax hemmhekk huwa bus terminus u mhux Bieb il-Belt. Taht il-karettun kien hemm kaxxi bil-hwejjeg. Hu ma kienx fuq il-bridge izda ezatt fejn tispicca l-kurvatura fuq parti mill-bankina.

**Peter Vella**, addett fit-Trade Licencing Unit tad-Dipartiment tal-Kummerc, u li xehed minnflok Charles Muscat bil-kunsens tad-difiza,  xehed li l-appellant ma ghandux trading licence la ta' pedlar u lanqas ta' hawker. Pero' mir-records taghhom ma jkunux jafu min hu substitute. Licenzji ta' substitute hawkers mhux qed jinhargu ghalissa u cioe' minn Mejju, 2002, meta ha "over" l-ghoti tal-licenzji id-Dipartiment minn idejn il-Pulizija. Gie muri u qara document li jghid :-

*"This is to certify that Mr. Anthony Mckay 267270 has been nominated in terms of Regulation 28 of the Trading Licences Regulations to act as substitute hawker of Mrs. Rachel Mckay with a licence of street hawker."*

Il-hawkers jew street pedlars mhumiex fuq id-"data base" tad-Dipartiment . Biex jigi inkluz fid-"data base" tad-Dipartiment , jekk ikollu licenzja ta' hawker mill-Pulizija , ikun irid igib il-permess tal-Pulizija, l-I.D. Card u l-ahhar ricevuta.Umbaghad jigi inkluz fid-"data base" taghhom.

**Simon Cauchi** , segretarju tal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta, xehed li l-appellant ghandu licenzja biex ibiegh il-hobz il-Belt . Mistoqsi jekk ghandux licenzja ta' hawker ix-xhud wiegeb li ma jafx pero'. Il-licenzja ma jhallashiex ghandhom u fuq id-data ma tidhirx. Dak li qal jafu personalment ghax mir-records tal-Kunsill ma tirrizulta ebda licenzja li l-appellant ghandu dritt ibiegh il-Belt.

**L-appellant** xehed li l-Pulizija waqqfuh fid-19 ta' Lulju (Sic! Fuq suggeriment ovvjament zbaljat tad-difensur tieghu ), gol-bus terminus tal-Furjana fejn kien ibiegh bil-karettun bhala hawker , mhux fixed hawker. Kellu n-nies li waqqfuh u hu waqaf ikellem lin-nies. Hu licenzjat biex jaghmel dan ix-xoghol . Il-mara tieghu ghandha permess u hu ghandu karta mit-Trade li jista' joqghod ibiegh bhala substitute . Hemm mhux Puturjal. Hu jarma fil-bus terminus tal-Furjana kif tispicca il-bridge u quddiem ic-charabanc tal-Birgu fuq il-bankina baxxa lejn in-naha tal-Phoenicia fejn il-gabbani. Il-karettun jimbuttah b'idejh. Hu ma jbieghx hobs. Hu "tops" ibiegh . Jista' jkun li kellu xi kaxxa tal-banana bil-hwejjeg fl-art meta waqqfuh il-Pulizija . Hu kien ilu hemm minn filghodu u l-Pulizija gew fuqu f' xi 11 a.m. Hu jarma fit-8 a.m. ghall-erba sieghat filghodu. Hu kien obda u zarma malli qalulu l-Pulizija. Hemmhekk il-Furjana u mhux il-Belt u lanqas Puturjal. Hu jarma l-Furjana u Puturjal huwa Porta Reale, Bieb il-Belt. Illum il-ligi imbidlet . Aktar 'l isfel fix-xhieda tieghu l-appellant qal li ghalkemm jarma fit-8 a.m. kien ilu f'dak il-post xi ghoxrin minuta. Qabel kien qed idur mad-dawra tal-Furjana izjed 'l isfel mill-gabbani , jippassiggja bil-karettun u l-kaxxi tal-banana, sejjer 'l hawn u 'l hinn . Dejjem hekk jaghmel.

Jimxi ghax hekk jghidulu l-Pulizija, ghalkemm illum il-ligi imbidlet u ma hemmx ghalfejn joqghod miexi. Jista' joqghod wieqaf. Dak in-nhar kellu zewg kaxxi tal-banana bix-xoghol u inzerta kien qed jiehu x-xoghol minn fuq it-tilar u kien qeghdhom fl-art. ezatt kif gew il-Pulizija.

Ikkonsidrat ;

Illi in vista li l-ewwel aggravju rigwardanti n-nullita tal-Avviz Legali w tar-regolamenti maghmula tahtu gie irtirat mid-difiza , jibqa' biss it-tieni w t-tielet aggravju.

Illi dwar it-tielet aggravju li jirrigwarda s-sejbien ta' htija tat-tieni imputazzjoni li ngombra t-triq jew il-bankina bi hwejjeg ta' daqs kbir u t-tielet imputazzjoni li fit-triq jew fuq il-bankina ghamel xi haga li biha setgha jgib xkiel , perikolu jew inkomdu ghall-pubbliku , ftit hemm x'wiehed jghid fid-dawl tar-rizultanzi.  Irrizulta li l-appellant kien ilu ghal certu hin wieqaf bil-karettun tal-idejn jew tilar tieghu proprju fuq il-bankina minn fejn ta' kulljum jiskariggaw mijiet jekk mhux addirittura eluf ta' “pedestrians” li jkunu qed jinzlu mil-buses jew ser jirkbu fuqhom u zgur li bil-mod kif kien wieqaf kien qed johloq ingombru ghall-“free flow” tal-pubbliku. Inoltre hu mhux biss it-tilar kellu imma rrizulta li tahtu kellu ukoll xi zewg jew tlitt kaxxi tal-banana mimlija hwejjeg ghall-biegh b' mod li jindika li s-sosta tieghu hemm ma kienetx wahda ta' ftit attimi jew ta' mument fugaci izda li hu kien insedja ruhu hemm . Di fatti fil-bidu tad-depozizzjoni tieghu stqarr li kien ilu armat hemm mit-8 a.m. meta l-Pulizija sabuh hemm f' xil-11.a.m. Aktar tard fid-depozizzjoni tieghu bidel din il-versjoni w ipprova jispjega li hu ried jghid li kien f'dawk l-agwati  mit-8. a.m. izda f'dak il-post partikolari kien ilu biss xi ghoxrin minuta w li kumbinazzjoni l-kaxxi tal-banana kien nizzilhom fl-art ezatt x'hin waslu l-Pulizija. Apparti li l-Qorti thoss li bil-mod li xehed f'dar-rigward l-appellant mhux kredibbli , xorta wahda jibqa' l-fatt li, anki  jekk kien ilu hemm biss ghoxrin minuta , r-reat  kontemplat fit-tielet imputazzjoni, sia pure assorbit  fit-tieni wahda kif sar fis-sentenza appellata, jissussisti. Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta biex ikun hemm ir-reat l-ingombru bi xkiel, hsara jew perikolu, bizzejjed li dawn

ikunu potenzjali u m'hemmx bzonn li jkun attwali. (**App. Kriminali : "Il-Pulizija vs. Charles Chircop" [5.5.1994**] u **"Il-Pulizija vs. Anthony Cassar" [14.11.1953] Vol. XXXVII.iv.p.1189)** ). L-argument tal-appellant li l-uniku oggett li kellu fit-triq kienet il-vettura li biha jezercita l-mestier tieghu hu infondat bhala fatt ghax kif irrizulta hu kien nizzel fl-art il-kaxxi bil-hwejjeg u dan hu projbit bir-regolament 30 (1) (d) tat-Trading Licences Regulations 2002 li jghid li wahda mill-kondizzjonijiet li tahthom iridu joperaw "street hawkers" hi li "no objects are placed on the pavement or any other part of the street." U ghalhekk meta wiehed oltre t-tilar jew karettun tieghu ipoggi oggetti ohra fuq il-bankina jew fit-triq ikun qed jikser il-kondizzjonijiet li hu qed jopera tahthom u ergo jirrendi ruhu passibbli wkoll ghall-prosekuzzjoni ghall-akkuzi ta' ingombru. Ghalhekk dan l-aggravju huwa respint.

Illi it-tieni aggravju jirrigwarda s-sejbien ta' htija skond ir-raba' imputazzjoni u cioe' li ghamel attivita' kummercjali fl-inhawi ta' Puturjal il-Furjana bi ksur tal-Avviz Legali 102/2002. (Sec.30(f)). Dan ir-Regolament jiddisponi li :-

"(1) A street hawker may carry out his commercial activity from any place in any street either by hawking or by parking his vehicle , subject to the following conditions :-

(f) only street hawking of bread, milk, flowers, kerosene and gas cylinders shall be carried out in Valletta, and the Grand Harbour area:
Provided that no commercial activities by hawkers shall be carried out at any time in the City Gate Area of Valletta including the bridge;"

Illi l-Ewwel Qorti , fil-motivazzjoni taghha biex sabet htija tar-raba imputazzjoini qalet li jirrizulta li l-imputat appellant kien qed ibiegh fil-bus terminus tal-Belt u li hi kienet tal-fehma li dan il-lokal kollu hu kompriz bl-indikazzjoni tal-istess avviz legali ta' "inhawi ta' Puturjal" . Illi l-appellant qed jargumenta li fejn kien hu ma kienx il-Belt imma l-Furjana , kif del resto hu indikat fil-komparixxi u ergo ir-regolament 30 (f) ma japplikax.

Issa huwa minnu li s-subborg tal-Floriana ma jidhirx li hu kopert bil-projbizzjoni jew restrizzjonijiet imposti mir-Regolament 30 (f). Pero' kif issottometta l-abbli prosekutur , il-projbizzjoni ta' attivita' kummercjali fil-proviso ta' dan ir-regolament hija intiza ghall-"City Gate area" u l-kliem "of Valletta" ma jfissrux li l-area hija fil-Belt imma biss biex jikkwalifikaw ghall-liema "City Gate" jew Bieb il-Belt" qed jirriferi r-regolament. Ghalhekk l-uzu tal-espressjoni "il-Furjana" fil-komparixxi , ma jikkontradici bl-ebda mod il-fatt li r-reat ikun sar fl-area ta' City Gate". Din il-Qorti taqbel mall-Ewwel Qorti li fejn kien pozizzjonat l-appellant meta marru fuqu il-Pulizija jaqa' sew u "squarely" entro d-definizzjoni ta' "l-inhawi ta' Puturjal" u "in the City Gate Area" . Di fatti hu kien proprju f'tarf il-bridge li jaqsam il-foss ta' taht is-swar tal-Belt sija pure fuq in-naha ta' barra , preciz fil-kantuniera fejn jispicca l-bridge u ser tibda l-area cirkolari tal-bus terminus . Illi r-Regolamenti ma jridux jigu nterpretati bil-pulzieri w c-centimetri izda fl-ispirtu li fihom ikunu saru w meta l-legislatur bir-Regolamenti tas-sena 2002, ried li jelimina kull attivita' kummercjali fl-inhawi ta' City Gate , dan zgur li ma riedx li l-bieb tal-Belt u l-bridge ikunu zgombri minn kull attivita' kummercjali biex umbaghad ftit metri jew addirittura centimetri 'l barra iz-zona tkun xorta wahda mahnuqa b'vendituri ambulanti ta' kull xorta li jaghtu lill-lokal l-aghar aspett ta' suq levantin lid-dahla ewleninja tal-Belt .

Izda kif qalet l-Ewwel Qorti , mir-rizultanzi jidher li r-reat ta' ezercizzju tal-attivita' kummercjali sar fl-inhawi ta' Puturjal u ghalhekk kien projbit skond il-ligi, indipendentement jekk fejn kien l-appellant hux il-Belt jew il-Furjana. Del resto hu jinsisti fix-xhieda w d-difiza tieghu li fejn kien hu l-Furjana kif del resto gie citat fil-komparixxi .Din il-Qorti taqbel mall-Ewwel Qorti f'dan l-apprezzament ta' fatt li r-reat taht ir-raba' imputazzjoni sar fl-inhawi ta' Puturjal u ghalhekk dan hu bizzejjed biex l-imputazzjoni tirrizulta pruvata.

Ghal dawn il-motivi , l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------